MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 160/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Jeffrey Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer nhar l-4 ta’ Settembru 2003 u s-sena ta’ qabel, ġox-Xgħajra, Żabbar u fi bnadi oħra f’Malta, f’ħinijiet differenti:-

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta w mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-

President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta);

b) f’dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta), meta ma kienx fil-pusess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas li jipprova li d-droga msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tieghu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) liema droga nstabet f’ċirkostanzi li juru li ma kieneitx għall-użu esklussiv tiegħu.

ċ) f’dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) meta ma kienx fil-pusess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil- liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas li jipprova li d- droga

msmemija kienet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

d) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) matul is-sena 2001, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas li jipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta).

f) matul is-sena 2002, kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta w psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat, u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w i-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 16 tal-1985 tal-Att V kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29

tal-Kap 101, ir-regolament 3(1) tal-LN 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, sabet lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet qed jitqiesu bħala assorbiti fl-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal hmistax –il xahar prigunerija w hlas ta' multa ta' €800 (tmien mitt Ewro), liema multa tista' tithallas f'pagamenti ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat millum. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk ma tithallasx xi parti minn din il-multa, il-parti mhix imhallsa ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Ewros li ma jithallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu, bit-tieni w t-tielet imputazzjonijiet assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, tirriformaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. illi l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci (sic!) tal-kaz, il-piena erogata kienet wahda eccessiva stante li giet imposta fuqu piena karcerarja ta' hmistax il-xahar, u li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa w gusta, tenut kont tal-fatt illi l-minimu tal-piena ghar-reat ta' traffikar huwa dak ta' sitt xhur prigunerija;

2. illi l-Ewwel Qorti filwaqt li sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita' taghha w sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett

retributtiv u dak riformattiv tant accenat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum;
3. illi ghalkemm l-appellant kellu problema serja ta' abbuz ta' droga w anke ta' uzura, llum huwa persuna totalment riformata w "clean" li fil-fatt dan huwa fatt kkoraborat ukoll mix-xhieda ta' Vicky Scicluna, adetta ma' l-Agenzija Sedqa li fid-deposizzjoni taghha kellha biss kliem ta' tifhir fil-konfronti ta' l-appellant. Fil-fatt illum ghandu mpjieg fuq bazi "full time, fdat f'xogholu, tant li jgawdi mill-fiducja tal-persuni li maghhom huwa mpjegat;
4. illi l-appellant minn jeddu fittex l-ghajnuna w ghadu jigi supervizjonat minn din l-istess Agenzija Sedqa sal-gurnata ta' llum. Dan ifisser illi l-appellant ghamel hiltu kollha sabiex jirriforma ruhu, w ghalhekk terminu ta' piena ta' hmistax il-xahar prigunerija zgur se sservi ta' dannu ghalih, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi din l-istess piena se tigi skontata madwar sitt snin wara l-kummissjoni tar-reat in dezamina.
5. illi l-appellant ghandu kondotta kwazi netta w li kkollabora bi shih mal-Pulizija tant illi dawn iddikjaraw fl-atti tal-process odjern illi l-appellant kellu jibbenifika minn tnaqqis fil-piena, w dan ai termini ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. illi ghalkemm l-Ewwel Qorti semmiet dawn il-fatturi fil-konsiderazzjonijiet taghha, meta giet biex timponi l-piena fuq l-appellant, dawn il-fatturi ma gewx effettivament riflessi fil-piena. Fil-fatt l-Ewwel Qorti naqset milli tindika jekk l-appellant ibbenifikax minn l-artikolu 29, bi grad jew tnejn hekk kif tiddisponi l-imsemmija depozizzjoni;
7. illi f'kazijiet simili ta' traffikar, l-appellant ai termini tad-dettami tal-ligi, ma jistax hlief jinghata piena karcerarja, huwa ghandu, fid-dawl ta' dak appena suespost almenu jgawdi minn tnaqqis fil-piena;
8. illi t-trapass taz-zmien f'dan il-kaz, huwa certament wiehed mill-fatturi principali illi ghandu wkoll iservi ta' attenwanti, w dan peress illi dan l-istess trapass taz-zmien zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibbli lill-appellant innifsu.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Issa f' dan l-kaz il-piena mandatorja ghall-ewwel imputazzjoni li tassorbi fiha l-pieni kontemplati ghat-tieni w it-tielet imputazzjonijiet, skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' sitt xhur prigunerija w dik massima ta' ghaxar snin prigunerija oltre l-multa. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-konkors tar-reati w pieni kontemplata fl-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali mbaghad, l-Ewwel Qorti setghet mill-inqas erogat ukoll piena ta’ terz ta’ tlitt xhur, (i.e. xahar) ghal-kull wiehed mir-reati kontemplati fir-raba, l-hames u s-sitt imputazzjonijiet. b’ dana li l-inqas piena karcerarja setghet tkun ta’ disgha (9) xhur prigunerija. Qed tintuza l-kelma setghet ghaliex fil-kaz ta’ pussess semplici l-Qorti tista’ teroga biss piena pekunjarja.

Pero’ fl-istess waqt l-Ewwel Qorti kienet libera wkoll li teroga piena sa massimu ta’ hdax l-sena prigunerija oltre l-multa , bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) jekk wiehed jaddotta bhala bazi il-massimu ta’ kull wiehed mir-reati taht l-ewwel, ir-raba’ l-hames w s-sitt mputazzjoni.

Ghalhekk zgur li ma jistax jintqal li l-piena erogata tohog mill-parametri tal-ligi, anzi hi zgur ferm aktar vicin il-minimu tal-piena milli lejn il-massimu.

Illi hu minnu li issa ghaddew kwazi sitt snin mill-kommissjoni tar-reati w li fil-frattemp dak li jkun jista' jkun biddel hajtu w qabad it-triq tas-sewwa, u li dan qed ta’ sikwiet jipprejokkupa serjament lil din il-Qorti ghax ma hux mehtieg li kawzi ta’ din ix-xorta idumu daqshekk biex jigu decizi mill-Qrati tal-Magistrati, pero’ dan wahdu ma jintitolax lil din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezjoni fil-piena li tkun ezrcitat l-Ewwel Qorti.

Illi mhux korrett l-appellant meta jghid li l-Ewwel Qorti ma qiesetx id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li hu kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap.101. Ghall-kuntrarju l-Ewwel Qorti qalet li dwar il-piena kkonsidrat ......”***<u>Li skond il-Prosekuzzjoni huwa jimmerita li jibbenefika mill-artikolu 29”</u>*** flimkien ma konsiderazzjonijiet ohra li kienu jimmilitaw favur l-appellant fl-erogazzjoni tal-piena. Il-fatt li l-artikolu 29 ma ssemmiex meta l-Ewwel Qorti kienet qed tghid x’ artikoli rat ma jfissirx li dan il-fattur ma qiesitux, meta kienet qed tghid *expressis verbis* li qed tqiesu f’ paragrafu precedenti tas-sentenza appellata. Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat.

Ghar-rigward tal-aggravju bbazat fuq it-trapass taz-zmien, din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn irriteniet li l-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta’ kriminali tal-hati (ara . **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Joseph Attard”** [24.7.2000] u **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard”** [24.7.2000] )

Pero’, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et”** [2.10.2002], jista’ f’xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi”** [29.1.2001] ghalkemm f’din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti biex varjat il-piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta’ zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f’dan il-kaz u dana a skapitu ta’ dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata’ aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

F’ dan il-kaz ghalkemm jidher li l-Pulizija pprocediet mill-ewwel u bla indugju biex ressqet lill-appellant, kien hemm xi dewmien minhabba li kellu jimbidel il-Magistrat sedenti peress li Magistrat precedenti gie elevat ghall-bank tal-gudikatura w l-kawza kellha tigi assenjata lill-Magistrat iehor. Kien hemm ukoll xi okkazzjonijiet fejn ma deherx l-appellant jew l-avukat tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza elaborata taghha diga’ qieset il-fatt li fil-mori tal-kawza kien jidher li l-appellant kien ghamel bidla f’ hajtu , li kellu kondotta kwazi nadifa u li sad-data tas-sentenza kien “imbidel radikalment”

Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal xi temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana biss li t-terminu ghall-hlas tal-multa ghandu jibda' jiddekorri biss minn xahar wara li l-appellant ikun skonta l-piena tieghu kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------